# WIRJA ĠDIDA TIMMARKA SEKLU TA' ĦARSIEN TAL-PATRIMONJU TA' MALTA

Heritage
Malta

**Stqarrija | 8 ta' Ottubru 2025**

Heritage Malta nediet wirja ġdida fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta, li tfakkar il-100 sena mill-ewwel liġi li pproteġiet il-wirt kulturali ta' Malta. Il-wirja tħares lejn kif l-imgħoddi għani tal-gżira ġie rikonoxxut bħala teżor nazzjonali denju ta' preservazzjoni. Il-wirja tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' Jannar 2026.

Imsemmija 'Mid-Distruzzjoni għall-Preservazzjoni: Lejn l-Att tal-1925 dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet', din l-aħħar wirja fis-sensiela Espresso tesplora l-iżviluppi kruċjali li wasslu għal din il-liġi li wittiet it-triq għall-ħarsien tal-patrimonju llum il-ġurnata.

Sa tmiem is-seklu 19, is-siti arkeoloġiċi ta' Malta kienu qed ikunu f'periklu dejjem akbar minħabba skavi mhux regolati u l-kummerċ tal-antikitajiet. Sforzi bikrin ta' preservazzjoni, inkluż it-twaqqif ta' mużew nazzjonali fl-1903 taħt it-tmexxija ta' Dott. Themistocles Zammit, għenu biex jinħolqu l-qafas istituzzjonali u l-kuxjenza pubblika li eventwalment wasslu għall-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tal-1910 u aktar tard l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tal-1925.

Il-wirja tinkludi dokumenti rari mill-Arkivji Nazzjonali u ritratti mill-arkivju tal-mużew stess, inklużi whud li juru s-sit Neolitiku ta' Kerċem f'Għawdex u s-sit ta' Buqana. Grazzi għall-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tal-1910, dan tal-aħħar kien l-ewwel post tad-dfin Neolitiku skopert wara l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, li b'differenza minn sejbiet preċedenti kien irreġistrat b'mod sistematiku. Madankollu, ħsara lil siti oħra bħal fl-Imtarfa kixfet in-nuqqasijiet ta' dik l-ordinanza u enfasizzat il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni aktar b'saħħitha u komprensiva.

Billi tħares mill-qrib lejn dawn il-mumenti storiċi importanti, il-wirja tistieden lill-viżitaturi biex jirriflettu fuq seklu ta' ħarsien tal-patrimonju u fuq l-impenn dejjiemi ta' Malta biex tipproteġi l-legat kulturali tagħha.

Il-wirja tibqa' miftuħa sal-31 ta' Jannar 2026. Sal-aħħar ta' Ottubru l-wirja tiftaħ kuljum mid-09:00 sas-19:00. Il-ħinijiet tal-ftuħ minn Novembru 'l quddiem se jkunu disponibbli hawn: https://heritagemalta.mt/opening-hours/. Id-dħul huwa bla ħlas, u l-ispazju tal-wirja huwa aċċessibbli għalkollox.

Katalgu ddettaljat jakkumpanja din il-wirja – għall-bejgħ mill-mużew u mill-ħanut online ta' Heritage Malta: https://heritagemalta.mt/store/mid-distruzzjoni-ghall-preservazzjoni-lejn-l-att-tal-1925-dwar-il-protezzjoni-tal-antikitajiet-from-destruction-to-preservation-towards-the-antiquities-protection-act-1925/.